MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH GALEA DEBONO**

Seduta tal-5 ta' Gunju, 2003

Appell Kriminali Numru. 57/2003

Il-Pulizija
(Spettur Joseph Agius)
Vs

Benjamin Grech

Il-Qorti:

Rat l-akkuza dedotta kontra l-appellant quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli fi tlett xhur ta' qabel l-14 ta' Marzu, 2002, naqas li jottempra ruhu ma sentenza tal-Qorti Prim'Awla Civili tas-17 ta' Frar, 1999, citazzjoni 1329/92, fl-ismijiet Antonia Grech vs Benjamin Grech, liema kawza giet appellata w liema appell waqa dezert fl-1 t'Awissu 2001, u skond liema sentenza kellu jhallas manteniment lil Antonia Sterling ta' Lm35 fil-gimgha w dan kwantu ghal LM20 ghaliha w Lm15 ghal minuri Natasha li taghha ghandha l-kura w l-kustodja.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali tal-25 ta’ Marzu, 2003, li biha, wara li rat l-Artikolu 338(z) u Artikolu 7 tal-Kap. 9 ikkundannatu ghal gimghatejn detenzjoni w ordnat li jhallas is-somma ta’ LM420 lill-martu bhala manteniment dovut skond ic-citazzjoni.

Rat ir-rikors tal-appellant minnu pprezentat fit-3 t’April, 2003, li bih talab lil din il-Qorti joghgobha thassar, tirrevoka w tikkancella s-sentenza appellata w konsegwentement tillibera lill-appellant minn kull imputazzjoni w htija.

Rat il-verbal tallum li bih il-Prosekuzzjoni u l-Parte Civile jaqblu li c-citazzjoni hija preskritta ghax giet notifikata biss fit-13 t’Awissu, 2002 meta l-allegat kontravenzjoni saret fit-tlett xhur ta’ qabel l-14 ta’ Marzu, 2002.

Rat li l-Prosekuzzjoni taqbel ukoll li l-ewwel Qorti ma setghetx tordnalu jhallas LM420.

Ikkonsidrat:

Illi ghalkemm id-difiza kienet fl-ewwel dehra quddiem l-ewwel Qorti ta’ l-10 ta’ Settembru, 2002, eccepiet il-preskrizzjoni, l-ewwel Qorti, bi zvista, jidher li ma ddecieditx din l-eccezzjoni fis-sentenza appellata.

Illi mhux kontestat bejn il-Prosekuzzjoni, Parte Civile u d-Difiza li fil-fatt l-azzjoni kienet preskritta u dana ghaliex ghaddew aktar minn tlett xhur bejn iz-zmien ta’ l-allegat reat u d-data tan-notifika tac-citazzjoni fit-13 t’Awissu, 2002.
Inoltre din il-Qorti tirreleva w l-Prosekuzzjoni qablet li l-ewwel Qorti qatt ma setghet tordna l-hlas tal-ammont ta’ LM420 li kienu jirrapprezentaw alimenti dovuti.

Ghal dawn il-motivi il-Qorti qed tilqa’ l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata , u wara li tiddeciedi l-azzjoni hija preskritta, tiddikjara l-azzjoni estinta minhabba l-preskrizzjoni.

---------------------------------TMIEM---------------------------------